MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 886/2006

**Crest Limited (C5457)**

**vs**

**Kinetix IT Solutions (C27726)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas mis-socjeta' konvenuta ta' tlett mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u tnax-il centezmu (LM325.12) rapprezentanti hlas ta' servizzi ta' reklamar u pubblicita' prestati lilha mis-socjeta' attrici. L-Ammont huwa mitlub bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 5320/06 li saret taht l-Art 166 tal-Kap 12 u bl-imghax bir-rata ta' 10.5% per annum skond is-sub-titolu 1A tal-Kodici tal-Kummerc mid-data tal-11 ta' Ottubru, 2005;

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

1. Fl-ewwel lok, ebda ammont ma huwa dovut lill-Crest Limited peress li dina naqset fis-servizz li kellha tippresta lill-esponenti;

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghal premess l-imghax kif mitlub mill-attrici ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern;

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri;

Bl-Ispejjez u bl-imghax inkluz l-ispejjez ghar-risposta fl-Atti tal-ittra ufficjali 5320/06 ai termini tal-Art.166A tal-Kap12, kontra l-attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra x-xhieda moghtija minn Victor Calleja, James Poucher u Kurt Gauci;

Ezamina d-dokument ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Din il-kawza titratta dwar hlas ta' servizzi ta' reklamar u pubblicita' li s-socjeta' konvenuta tghid illi m'ghandha taghti ebda ammont peress illi s-socjeta' attrici naqset fis-servizzi li kellha tippresta. Is-Socjeta' attrici qieghda titlob rizarciment ta' tlett mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u tnax il-centezmu (LM325.12) ghal dan is-servizz.

Illi skond *booking order* iffirmat minn Kurt Gauci ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fl-4 ta' Lulju, 2005, huwa kien kera sittax-il metru kwadru ta' spazju fil-Hospitality & Leisure Fair, 2005 li saret fit-Trade Fair Grounds, Naxxar bejn is-7, 8 u 9 ta' Novembru, 2005.

Illi l-prezz kien jinkludi tlett ijiem kera ta' spazju fil-fiera, kif ukoll: *'a) modular panels, b) front standard fascia*

*complete with black Helvetiacompany name, c) carpeted floor u e) one electrical supply ELCB/Main and 13 amp socket.'* L-Ammont totali kien fis-somma ta' tlett mija erbgha u tmenin Lira Maltin (LM384.00) eskluz 18% VAT li minnhom kien thallas ammont bhala akkont.

Dan is-servizz gie mibjugh lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici sabiex l-istess socjeta' konvenuta tkun tista' taghmel kuntatt ma klijenti fil- *Hospitality Industry* u tbejgh l-prodott taghha lilhom.

L-Ammont kellu jithallas fil-35% mall-iffirmar tal-*booking form* u l-bqija tal-65% sebat ijiem qabel il-fiera.

Skond ix-xhieda ta' Victor Calleja *Managing Director* tas-socjeta' attrici jghid illi huma bhala l-organizzaturi tal-fiera kienu bejghu '*stand'* lis-socjeta' konvenuta sabiex tkun tista' tiehu sehem fil-*Hospitality and Leisure Fair.* Spjega kif sar jaf b'ilment da parti tas-socjeta' konvenuta dwar l-attendenza fqira. Ix-Xhud spjega kif din il-fiera kienet wahda specjalizzata u partikolari ghan-nies f'din it-tip ta' industrija f'Malta, ghalkemm kienet miftuha ghal kulhadd. Qal ukoll illi meta sema' lli l-klijent socjeta' konvenuta ma hargux sodisfatti huwa kien offrilhom li jaghtihom *advertising* b'xejn bhala kumpens sabiex izommu r-relazzjonijiet tajba mal-klijent izda mhux ghax kellhom xi htija dwar in-numru ta' attendenza.

Fix-xhieda ta' James Poucher, li kien *Salesman* mas-socjeta' attrici u li kien il-bniedem li bejgh dan il-pakkett lis-socjeta' konvenuta qal illi huwa qatt ma kien iggarantixxa numru ta' nies jew attendenza mas-socjeta' konvenuta. Illi fi kliemu xoghlu kien li jbejgh is-servizz ta' kera ta' spazju fil-fiera.

Fix-xhieda tal-konvenut Kurt Gauci huwa qal illi meta hu kien avvicinat mis-socjeta' attrici gie mwieghed attendenza partikolari u numeruza fejn spjegawlu illi '…ser ikun hemma attendenza ta' *purchasing departments* ta' vari socjetajiet fil-*leisure and entertainmemnt industry…'* izda qal illi fuq medda ta' tlett ijiem shah tul il-granet tal-

fiera  l-attendenza kienet fqira hafna. Huwa qal illi kien ilmenta mas-socjeta' attrici sahansitra fil-granet tal-fiera.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu *booking form* iffirmata u accettata mis-socjeta' konvenuta. Illi il-*booking form* tispjega l-mod tal-hlas u s-servizz li kellu jinghata.

Is-Socjeta' konvenuta ibbazat id-difiza taghha fuq wieghdiet ta '*turn out*' partikolari u sodisfacenti.  Izda jidher mill-provi prodotti illi s-socjeta' attrici qatt ma tat garanziji ta' numru ta'  *attendees* fil-fiera. Is-Socjeta' attrici kienet indikat mistednin partikolari li kienu mistiedna jattendu il-fiera izda l-attendenza taghhom qatt ma kienet garantita mis-socjeta' attrici.

Ghalhekk it-Tribunal ghandu jibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-provi migjuba quddiemu. Illi fil-fehma tieghu s-socjeta attrici ppruvat il-kaz taghha li l-ammont skond *il-booking form* iffirmat u accetat mis-socjeta' konvenuta  huwa dovut, izda s-socjeta' konvenuta ma gabietx provi sabiex tiggustifka in-nuqqas ta' hlas da parti taghha.  Da parti tas-socjeta' attrici it-*turn out* ta' vizitaturi fil-fiera qatt ma kienet garantita ghalkemm is-socjeta' konvenuta  ibbazat id-difiza taghha fuq dan il-punt u  s-socjeta' attrici qatt ma tat xi garanziji ta' numru ta' *attendees* u ghalhekk ma jistghax jinghad illi s-socjeta' konvenuta naqset fis-servizz li kellha tippresta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas fis-somma ta' tlett mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u tnax-il centezmu   (LM325.12) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bl-imghax bir-rata ta' 8% mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------